



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 46/16
Il-Lussemburgo, 27 ta' April 2016

Sentenza fil-Kawża T-316/13

Salvatore Aniello Pappalardo u oħra vs Il-Kummissjoni

Il-Qorti Ĝeneralni tiċħad ir-rikors għad-danni ppreżentat minn sajjeda Taljani b'reazzjoni għall-projbizzjoni prematura min-naħħa tal-Kummissjoni, fl-2008, tas-sajd għat-tonn

Minkejja li s-sajjeda Taljani, bl-istess mod bħas-sajjeda Ċiprijotti, Franċiżi, Griegi u Maltin, kienu ġew iddiskriminati meta mqabbla mas-sajjeda Spanjoli minħabba li dawn tal-aħħar kellhom id-dritt li jistadu għal ġimgħa supplimentari, dan il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma huwiex suffiċċientement serju sabiex jistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea

Salvatore Aniello Pappalardo kif ukoll diversi kumpanniji Taljani huma proprietarji ta' bastimenti awtorizzati sabiex jistadu għat-tonn bil-purse seines. Huma kienu ġew allokat kwoti tas-sajd għass-sena 2008. Permezz ta' Regolament tal-2008¹, il-Kummissjoni ddeċidiet li s-sajd għat-tonn, li normalment kien awtorizzat sat-30 ta' Ġunju 2008, kellu jiġi pprobit mis-16 ta' Ġunju 2008 għall-purse seiners li jtajru l-bandiera tal-Greċċa, ta' Franzia, tal-Italja, ta' Ċipru u ta' Malta, u mit-23 ta' Ġunju 2008 għal dawk li jtajru l-bandiera ta' Spanja. Din id-differenza fit-trattament wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex, fl-2011, tannulla r-Regolament minħabba ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni². Għalhekk, S. A. Pappalardo u l-kumpanniji ppreżentaw, quddiem il-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, rikors għad-danni li permezz tiegħu qeqħdin jitkol iktar minn EUR 6.5 miljuni bħala kumpens għad-dannu allegatament imġarrab.

Fis-sentenza tagħha mogħtija llum, il-Qorti Ĝeneralni tfakkli li sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea huwa meħtieġ li jiġi ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri 1) l-illegalità tal-agħir li bih jiġi kkritikati l-istituzzjoni, 2) l-eżistenza ta' dannu reali u ġert u 3) l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn l-agħir tal-istituzzjoni kkonċernata u d-dannu allegat. Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-illegalità tal-agħir, il-Qorti Ĝeneralni tfakkli li l-ksur tad-dritt tal-Unjoni invokat għandu jkun suffiċċientement serju, jiġifieri li l-istituzzjoni kkonċernata (f'dan il-każ, il-Kummissjoni) għandha tkun naqset b'mod manifest u gravi milli tosserva l-limiti imposti fuq is-setgħha diskrezzjoni tagħha.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ĝeneralni tosserva li **I-impożizzjoni ta' żewġ dati differenti għall-projbizzjoni tas-sajd fir-rigward tal-purse seiners Griegi, Franċiżi, Taljani, Ċiprijotti u Maltin, minn naħħa, u fir-rigward tal-purse seiners Spanjoli, min-naħħa l-oħra, ma tikkostitwixx, fiha nnifisha, ksur manifest tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni**. Fil-fatt, ir-Regolament tal-2008 għandu l-għan ta' interessa ġenerali li tiġi evitata theddida gravi għall-konservazzjoni u għall-irkupru tal-istokk tat-tonn fl-Atlantiku tal-Lvant u fil-Baħar Meditarran³, u mhux l-għan li jipproteġi l-prerogattivi marbuta mal-attività ekonomika tas-sajd ta' ġerti purse seiners meta mqabbla ma' oħra. Barra minn hekk, il-Qorti Ĝeneralni tosserva li l-purse seiners Spanjoli, minkejja li kienu bbenefikaw minn ġimgħa supplimentari ta' sajd meta mqabbla mal-purse seiners l-oħra, ġew ukoll imġiegħla jwaqqfu s-sajd tagħhom qabel it-tmiem tal-perijodu normali, jiġifieri qabel it-30 ta' Ġunju 2008.

¹ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 530/2008, tat-12 ta' Ġunju 2008, li jistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fir-rigward ta' bastimenti bil-purse seines li jistadu għat-tonn fl-Ocean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45 °W, u fil-Baħar Meditarran (ĠU L 155, p. 9).

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 2011, AJD Tuna ([C-221/09](#), ara l-Istqarrija għall-istampa Nru [22/11](#)).

³ Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, Giordano vs Il-Kummissjoni ([C-611/12 P](#)) kif ukoll Buono et vs Il-Kummissjoni u Syndicat des thoniers méditerranéens et vs Il-Kummissjoni Kawżi magħquda [C-12/13 P](#) u [C-13/13 P](#), ara l-Istqarrija għall-istampa [137/14](#), bil-Franċiż jew bl-Ingliż: il-Kummissjoni ma aġixxiet b'mod illegali meta, fl-2008, improbiex lis-sajjeda Franċiżi milli jistadu għat-tonn qabel it-tmiem tal-perijodu ta' validità tal-permessi tas-sajd.

Peress li f'dan il-każ il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma kienx is-suġġett ta' ksur suffiċjentement serju, il-kundizzjoni marbuta mal-illegalità tal-aġir li bih qed tiġi kkritikata l-Kummissjoni ma hijex issodisfatta, u b'hekk il-Qorti Ġeneral qiegħda tiċċhad ir-rikors għad-danni.

NOTA: Appell, mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn min-notifika tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-test shiħi tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355